**2 ta' Marzu, 1988**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**

*Raymond Grech*

*versus*

Joseph Carbonaro *noe*

## Azzjoni Ċivili – Azzjoni Kriminali – Prinċipju li ż-Żewġ Azzjonijiet huma Indipendenti – *Lis Alibi Pendens*

*L-attur fittex għal arretrati ta' paga, leave u bonus money. Ġie eċċepit*

*illi qabel il-kawża kienu ġew ippreżentati proċeduri kriminali mid-Direttur tax-Xogħol a tenur tal-Conditions of Employment Regulations Act 1952 u għalhekk il-kawża saret vessatorjament.*

*Il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni in kwantu l-azzjoni ċivili u dik kriminali huma indipendenti. Ġiet ukoll miċħuda l-eċċezzjoni ta' lis alibi pendens.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta li huwa kien impjegat mas-soċjetà konvenuta u huwa kreditur ta' l-istess soċjetà għall-ammont komplessiv ta' mija u sebgħa u erbgħin lira Maltija u erbgħa u sittin ċenteżmu (Lm147.84ċ), li jikkonsistu f'Lm29.88ċ ġimgħa paga, Lm59.75 *"leave entitlement"* u Lm58 *bonus* ta' sitt xhur; u peress li l-konvenut *nomine* ġie interpellat inutilment biex iħallas; talab illi din il-Qorti tikkundanna lill-istess konvenut *nomine* jħallsu s-somma fuq dedotta ta' Lm147.64ċ bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-9 ta' Marzu, 1984, kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut *nomine*, li biha huwa qal illi din il-kawża saret vessatorjament *stante* li qabel il-preżentata ta' din iċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata għan-nom ta' l-attur kawża kriminali mid-Direttur tax-xogħol fuq l-istess mertu bħal din il-kawża, li tagħti lill-attur rimedji ċivili identiċi bħal dawk li talvolta tista' tagħti lill-attur dil-kawża. Għaldaqstant, fi kwalunkwe każ, *ai termini* tal-prinċipju kardinali *"lis alibi pendens"*, l-eċċipjent m'għandux ibati spejjeż, u inoltre huwa l-każ fejn din il-Qorti ma tiħux aktar konjizzjoni tal-kawża;

Rat id-dokumenti esibiti, in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet, kif ukoll l-atti l-oħrajn kollha tal-proċess: u,

Ikkunsidrat: dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Illi fl-1 ta' Marzu, 1984, il-konvenut bħala Prinċipal ta' *"Abita Mobili"* ġie mħarrek mill-Pulizija Esekuttiva quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, talli huwa naqas milli jagħmel pagamenti għal diversi raġunijiet lill-impjegati tiegħu, fosthom l-attur odjern, bi vjolazzjoni ta' ċerti disposizzjonijiet tal-*Conditions of Employment (Regulation) Act, 1952.* L-istess Qorti ġiet ukoll mitluba mill-Prosekuzzjoni biex tordna lill-akkużat (jiġifieri l-istess persuna konvenuta fil-kawża odjerna) li jħallas lil kull wieħed mill-ex impjegati tiegħu (fosthom Raymond Grech, l-attur odjern l-arretrati dovuti lilhom skond il-prospett anness maċ-ċitazzjoni kriminali (li kwantu jolqtu lil Raymond Grech huma l-istess ammonti mitluba f'din il-kawża, b'eċċezzjoni li l-ammont indikat dovut bħala *bonus* fil-kawża kriminali huwa ta' Lm51.80ċ2 u mhux Lm58, kif mitlub f'din il-kawża ċivili);

Il-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ġiet istitwita mill-Pulizija *"ex officio"*, għalkemm fl-interess ta' l-ex impjegati imsemmija ta' l-akkużat, taħt l-artikolu 30 ta' l-Att hawn fuq imsemmi. Dan l-artikolu jipprovdi, għal dak li huwa rilevanti għall-kawża odjerna, li f'każ illi l-akkużat jinstab ħati u kkundannat, *"the Court (i.e.* il-Qorti kriminali tal-Maġistrati) *shall, at the request of the prosectuion besides awarding the publishment imposed by the preceding subsections of this section, order the offender, on proof of the amount, to refund or pay to the employee or employees concerned..... the said amount due by him..... and any such order by the Court shall be of the same force and effect and be executed in the same manner as if it has been given in a civil action duly instituted between the employee or employees concerned..... and the employer:* ***Provided that***

***nothing in this subsection shall derogate from any right of the employee.....in recovering by any other means any amount due to him"***. (sottolinear tal-Qorti). Ċertament "*any other means*" tinkludi azzjoni oħra ġudizzjarja li tista' tkun talvolta kompetenti lill-impjegati kkonċernati; u ftit jista' jkun hemm dubju li l-attur odjern għandu tali dritt ta' azzjoni ċivili;

Illi huwa wkoll prinċipju kardinali, sanċit bl-artikolu 3 tal-Kodiċi Kriminali, li "kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili"; bl-ewwel waħda titmexxa mill-Pulizija jew mill-Avukat Ġenerali, skond il-każ, quddiem il-Qrati; ta' ġurisdizzjoni kriminali, u biha tintalab il-piena kontra l-ħati; u bit-tieni waħda titmexxa quddiem il-Qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili, u biha jintalab il-ħlas tal-ħsara li ssir bir-reat. L-artikolu 6 jipprovdi, imbagħad, **li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra.** Jidher li fil-każ ta' l-artikolu 30 ta' l-Att hawn fuq imsemmi, il-liġi tippermetti wkoll ir-rimedju ċivili għall-ħsara li jkun ġarrab l-impjegat jew l-impjegati kkonċernati fl-istess azzjoni kriminali: però dan skond l-istess artikolu tal-liġi dan isir mingħajr deroga għal kull dritt jew azzjoni oħra; talvolta kompetenti lill-istess impjegat jew impjegati. Ovvjament il-leġislatr kellu f'moħħu s-sens ta' prattiċità u ekonomija tal-ġudizzju: iżda kien konxju wkoll li jipproteġi l-interessi ta' kulħadd bil-"*proviso*" li għamel, għal eventwalità, per eżempju, li l-kawża kriminali ma tiġix imwassla sat-tmiem, jew inkella anki f'każ ta' dikjarazzjoni ta' ħtija da parti tal-Qorti kriminali, il-ħati ma jiġix ikkundannat imma jiġi mogħti fil-konfront tiegħu provvediment ieħor;

Illi l-attur għamel il-kawża odjern fl-14 ta' Mejju, 1984, u għalhekk xahrejn wara li bdiet il-kawża kriminali (li sal-lum skond l-indaġini li għamlet il-Qorti għadha mhix deċiża). Però

mill-premess jitnissel ċar u tond li l-attur seta' jagħmel din il-kawża indipendentement mill-kawża kriminali li għamlet il-Pulizija Esekuttiva kontra l-istess persuna. Ovvjament, f'każ li l-Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali tikkundanna lill-ħati fil-kawża kontrih biex iħallas lill-attur l-ammonti relattivi (mitluba anki f'din il-kawża), qabel ma tkun deċiża din il-kawża, allura f'dak il-każ il-mertu ta' din il-kawża tiġi deċiża b'eżistu favorevoli għall-attur qabel il-kawża kriminali (s'intenti għal dik il-parti fejn il-Qorti kriminali tkun tista' tordna lill-ħati jħallas il-kumpens relattiv lill-impjegat jew impjegati u dan jista' jsir anki billi l-prosekuzzjoni tirtira t-talba relattiva);

Illi dwar l-eċċezzjoni ta' *"lis alibi pendens"*, l-artikolu relattiv tal-liġi (792 tal-Kap. 12) jgħid li "meta titressaq kawża quddiem qorti kompetenti, wara li tkun tressqet oħra fuq l-istess oġġett quddiem qorti kompetenti oħra, il-kawża mressqa l-aħħar tista' tiġi mibgħuta lil dik il-qorti kompetenti l-oħra". Huwa ovvju li dan il-provvediment ma jistax jiġi attwat fiċ-ċirkostanzi tal-każ, apparti l-fatt li l-liġi stess tgħid li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri msemmija tal-konvenut *nomine,* u tordna li l-kawża titkompla;

Spejjeż ta' din is-sentenza jiġu ssopportati mill-konvenut *nomine*.